MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Talba Numru. 808/2014

**Dr. Carol Peralta LL.D. KI 661152M**

**vs**

**Emil Thidell KI 0061985A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta’ Dicembru 2014, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn, sitt mija, tlieta u erbghin Ewro hamsa u tlettin centezmi (€2,643.35c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta fis-7 ta’ April 2015 meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ elfejn, sitt mija, tlieta u erbghin Ewro hamsa u tlettin centezmi (€2,643.35c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------